Parlament Ewropew
2024-2029

Kumitat għas-Sajd

2025/0202(NLE)

21.1.2026

***

ABBOZZ TA' RAKKOMANDAZZJONI

dwar l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni, tal-Protokoll ta' Implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Sħubija fis-settur tas-sajd bejn ir-Repubblika Demokratika ta' São Tomé u Príncipe u l-Komunità Ewropea (2025–2029)
((11609/2025 – C10-0246/2025 – 2025/0202(NLE))

Kumitat għas-Sajd

Rapporteur: Nora Junco García

Tifsira tas-simboli użati

*	Proċedura ta' konsultazzjoni
***	Proċedura ta' approvazzjoni
***I	Proċedura leġiżlattiva ordinarja (l-ewwel qari)
***II	Proċedura leġiżlattiva ordinarja (it-tieni qari)
***III	Proċedura leġiżlattiva ordinarja (it-tielet qari)

(It-tip ta' proċedura jiddependi mill-bażi legali proposta mill-abbozz ta' att.)

WERREJ

Paġna

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW 5

NOTA SPJEGATTIVA 6

ANNESS: DIKJARAZZJONI TAL-KONTRIBUT 8

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW

dwar l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni, tal-Protokoll ta' Implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Sħubija fis-settur tas-sajd bejn ir-Repubblika Demokratika ta' São Tomé u Príncipe u l-Komunità Ewropea (2025–2029) (11609/2025 – C10-0246/2025 – 2025/0202(NLE))

(Approvazzjoni)

Il-Parlament Ewropew,

– wara li kkunsidra l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill (11609/2025),

– wara li kkunsidra l-abbozz tal-Protokoll dwar l-Implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Sħubija fis-Settur tas-Sajd bejn ir-Repubblika Demokratika ta' São Tomé u Príncipe u l-Komunità Ewropea (2025–2029) (11606/2025),

– wara li kkunsidra t-talba għal approvazzjoni ppreżentata mill-Kunsill skont l-Artikolu 43(2) u l-Artikolu 218(6), it-tieni subparagrafu, il-punt (a)(v)), tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (C10-0246/2025),

– wara li kkunsidra l-valutazzjoni baġitarja tal-Kumitat għall-Baġits,

– wara li kkunsidra l-Artikolu 107(1) u (4) u l-Artikolu 117(7) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

– wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat għall-Iżvilupp,

– wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kumitat għas-Sajd (A10-0000/2025),

1. Jagħti l-approvazzjoni tiegħu għall-konklużjoni tal-protokoll;

2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni, kif ukoll lill-gvernijiet u lill-parlamenti tal-Istati Membri u ta' São Tomé u Príncipe.

NOTA SPJEGATTIVA

Introduzzjoni

Ir-Repubblika Demokratika ta' São Tomé u Príncipe hija pajjiż insulari fil-Golf tal-Guinea/l-Afrika tal-Punent. B'popolazzjoni ta' madwar 200 000 ruħ, hija wieħed mill-iżgħar pajjiżi fl-Afrika.

Is-sajd huwa l-attività ewlenija u s-sors ta' introjtu ewlieni għall-komunitajiet kostali f'São Tomé u Príncipe. Is-sajd tal-poplu minn São Tomé u Príncipe huwa essenzjalment fuq skala żgħira. Is-sajd industrijali fiż-żona ekonomika esklussiva (ŻEE) ta' São Tomé u Príncipe jsir minn bastimenti tat-tonn tal-UE u mhux tal-UE. Iż-żona tas-sajd ta' São Tomé u Príncipe hija żona attraenti peress li tinsab fuq ir-rotta tal-migrazzjoni ta' speċijiet li jpassu ħafna mill-Atlantiku. Bħala medja, matul il-perjodu 2020-2023, inħarġu total ta' 37 liċenzja tas-sajd fis-sena għall-bastimenti tat-tonn, li 25 minnhom itajru l-bandiera ta' Stat Membru tal-UE[1].

Is-settur tas-sajd f'São Tomé u Príncipe qed jiffaċċja sfidi fil-governanza, fil-ġestjoni tar-riżorsi u fl-użu tal-appoġġ settorjali fl-ambitu tal-ftehim ta' sħubija fis-settur tas-sajd mal-Unjoni Ewropea. Pereżempju, hemm problemi rigward l-obbligi ta' konformità u rapportar taħt l-ICCAT jew rigward l-impjieg tal-baħrin u l-osservaturi ta' São Tomé u Príncipe fuq il-bastimenti tal-UE. Il-benefiċċji ekonomiċi huma limitati għal São Tomé u Príncipe peress li l-flotta tal-UE tiddependi fuq portijiet f'pajjiżi ġirien għall-ħatt l-art u l-ipproċessar tal-qabdiet[2].

Il-Protokoll il-ġdid

Il-Ftehim ta' Sħubija fis-Settur tas-Sajd bejn ir-Repubblika Demokratika ta' São Tomé u Príncipe u l-Komunità Ewropea daħal fis-seħħ fid-29 ta' Awwissu 2011 u baqa' jiġġedded b'mod taċitu minn dak iż-żmien 'l hawn.
Il-Protokoll preċedenti dwar l-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Sħubija fis-Settur tas-Sajd, b'durata ta' ħames snin, beda japplika fid-19 ta' Diċembru 2019 u skada fit-18 ta' Diċembru 2024.
Abbażi tad-Deċiżjoni tal-Kunsill tal-10 ta' Settembru 2024 li tawtorizza l-ftuħ ta' negozjati f'isem l-Unjoni Ewropea dwar protokoll ta' implimentazzjoni ġdid għall-Ftehim ta' Sħubija fis-Settur tas-Sajd ma' São Tomé u Príncipe, il-Kummissjoni wettqet negozjati mal-Gvern ta' São Tomé u Príncipe, li wasslu għall-Protokoll il-ġdid 2025-2029.
Il-Protokoll il-ġdid ġie inizjalat min-negozjaturi fid-9 ta' April 2025 u ġie ffirmat mill-partijiet fis-6 ta' Ottubru 2025.
Il-Protokoll il-ġdid ikopri perjodu ta' erba' snin mid-data tal-applikazzjoni proviżorja tiegħu, jiġifieri mid-data li fiha ġie ffirmat mill-partijiet (6 ta' Ottubru 2025).

---

[1] Il-Kummissjoni Ewropea: Id-Direttorat Ġenerali għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd, F&S, POSEIDON, Defaux, V. u Caillart, B., Évaluation rétrospective du Protocole de mise en œuvre de l'accord de partenariat dans le domaine de la pêche entre l'Union européenne et la République de Sao Tomé-et-Principe et prospective d'un éventuel futur protocole (Evalwazzjoni retrospettiva tal-Protokoll dwar l-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Sħubija fis-Settur tas-Sajd bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika ta' São Tomé u Príncipe u prospettiva ta' protokoll futur potenzjali) – Rapport Finali, Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2024 (https://data.europa.eu/doi/10.2771/264668).
[2] Id-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni SWD(2024)177 tat-12.7.2024 https://eur-lex.europa.eu/legal-content/EN/TXT/PDF/?uri=CELEX:52024SC0177.

Il-Protokoll se jidħol fis-seħħ ladarba ż-żewġ partijiet jirratifikawh.
Min-naħa Ewropea, dan jeħtieġ l-approvazzjoni tal-Parlament Ewropew.

Il-Protokoll il-ġdid jipprevedi opportunitajiet ta' sajd għall-bastimenti tal-Unjoni fl-ilmijiet ta' São Tomé u Príncipe abbażi tal-aqwa pariri xjentifiċi disponibbli u skont ir-rakkomandazzjonijiet tal-Kummissjoni Internazzjonali għall-Konservazzjoni tat-Tonn tal-Atlantiku (ICCAT). Dan il-Protokoll għandu l-għan li jipprovdi qafas aġġornat, b'mod partikolari billi jqis il-prijoritajiet tal-Politika Komuni tas-Sajd (PKS) riformata u l-istandards internazzjonali.

Opportunitajiet tas-Sajd
Il-Protokoll il-ġdid jippermetti lill-bastimenti Ewropej jistadu madwar 6,500 tunnellata tonn u speċijiet migratorji oħra kull sena fl-ilmijiet ta' São Tomé u Príncipe, skont ir-riżoluzzjonijiet rilevanti tal-ICCAT u fil-limiti stabbiliti mil-leġiżlazzjoni ta' São Tomé u Príncipe.

Il-Protokoll jipprovdi opportunitajiet ta' sajd għal 26 bastiment tas-sajd għat-tonn bit-tartarun (15 għal Spanja, 11 għal Franza) u 9 bastimenti li jistadu bil-konz tal-wiċċ (7 għal Spanja u 2 għall-Portugall).

Kontribuzzjoni finanzjarja

Il-kontribuzzjoni finanzjarja annwali tal-UE tammonta għal EUR 825,000, li tinkludi EUR 325,000 għall-aċċess għar-riżorsi tas-sajd (ammont li jikkorrispondi għal tunnellaġġ ta' referenza ta' 6,500 tunnellata fis-sena għall-ispeċijiet li jpassu ħafna) u EUR 500,000 biex tissaħħaħ il-kapaċità ta' São Tomé u Príncipe f'termini ta' ġestjoni, kontroll u sorveljanza sostenibbli tas-sajd, kif ukoll appoġġ għas-sajd fuq skala żgħira u għall-komunitajiet lokali.

Konklużjoni

Il-Protokoll il-ġdid isaħħaħ il-kooperazzjoni bejn l-UE u São Tomé u Príncipe, u jippromwovi l-iżvilupp ta' politika tas-sajd sostenibbli.

Mill-perspettiva tal-UE, il-Protokoll il-ġdid jiżgura aċċess kontinwu għaż-żoni tas-sajd għall-flotta tal-UE, peress li l-Ftehim attwali fih klawżola li teskludi attivitajiet tas-sajd li ma jseħħux fil-qafas definit minn protokoll, li minnhom jibbenefikaw b'mod predominanti l-operaturi Spanjoli, Franċiżi u Portugiżi.

Mill-perspettiva ta' São Tomé u Príncipe, l-appoġġ settorjali disponibbli se jgħin lill-pajjiż fil-kuntest tal-istrateġija nazzjonali tiegħu fis-settur tas-sajd, inkluż il-ġlieda kontra s-sajd IUU, filwaqt li jippromwovi kundizzjonijiet tax-xogħol deċenti għall-attivitajiet tas-sajd.

Dan ifisser li dan il-Protokoll huwa fl-interess taż-żewġ Partijiet.

ANNESS: DIKJARAZZJONI TAL-KONTRIBUT

Ir-rapporteur tiddikjara, taħt ir-responsabbiltà esklużiva tagħha li fir-rapport tagħha ma inkludietx kontribut mingħand rappreżentanti ta' gruppi ta' interess li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Ftehim Interistituzzjonali dwar Reġistru Obbligatorju ta' Trasparenza[1], jew mingħand rappreżentanti ta' awtoritajiet pubbliċi ta' pajjiżi terzi, inklużi l-missjonijiet diplomatiċi u l-ambaxxati tagħhom, li għandhom jiġu elenkati f'dan l-Anness f'konformità mal-Artikolu 8 tal-Anness I tar-Regoli ta' Proċedura.

[1] Il-Ftehim Interistituzzjonali tal-20 ta' Mejju 2021 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni Ewropea dwar Reġistru Obbligatorju ta' Trasparenza (ĠU L 207, 11.6.2021, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/agree_interinstit/2021/611/oj).